# *Sancta Maria Succurre Miseris*

*Feature* storiku fuq kitba Mons. Carmelo Borġ



Waħda mill-ewwel opri artistiċi li bihom iżżejjen it-tempju ta' San Girgor li nbena f'Ta' Kerċem bejn is-sena 1846 u s-sena 1851 kien il-kwadru titulari, xogħol l-artist Għawdxi Salvatore Busuttil li ġie esegwit ġewwa Ruma fis-sena 1854.

Il-kwadru titulari tal-knisja l-antika ta' San Girgor li kien hemm fl-inħawi ta' Għerduf, kien juri lil San Girgor waħdu, waqt li l-kwadru ta' Busuttil li tpitter għall-knisja l-ġdida għandu suġġett doppju : fin-naħa ta' fuq juri lill-Madonna tas-Sokkors, filwaqt li fil-parti t'isfel jidher San Girgor jitlob l-interċessjoni tal-Madonna għall-poplu mġarrab.

F'ritratt antik li juri l-kwadru titulari kif tpoġġa fil-knisja ta' San Girgor fis-sena 1854 naraw li, propju fuq il-gwarniċ tal-kwadru, kien hemm strixxun li fuqu kien iġib skrizzjoni bil-Latin. Skrizzjoni b'erba' kelmiet – *Sancta Maria Succurre Miseris* – li kienu jfakkru l-ewwel antifona li saret għall-festa tal-Madonna tas-Sokkors propju 162 sena ilu. Jew ,biex inpoġġiha aħjar, aktarx li kienu dawn il-kelmiet li nebbħu l-ewwel antifona tal-Madonna tas-Sokkors li saret apposta għall-knisja ta' Kerċem. Sfortunatament din l-iskrizzjoni kienet ġiet imneħħija meta l-kwadru titulari kien tpoġġa f'postu mill-ġdid meta l-knisja ta' San Girgor kienet ġiet imkabbra bejn l-1906 u l-1910.

Dik l-iskrizzjoni, li missirijietna, fil-maġġuranza kbira tagħhom illetterati, lanqas biss kienu jafu jaqrawha, aħseb u ara kemm kienu jifhmuha, kellha mportanza storika mhux żgħira għall-parroċċa tagħna. L-antifona *Sancta Maria Succurre Miseris* kienet ix-xrara li fl-antenati tagħna qabbdet ħuġġieġa ta' devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sokkors; devozzjoni li mal-medda tas-snin kompliet tikber bit-tama li ma tintefa qatt! U nazzarda ngħid li din l-antifona kienet il-bidu tal-festa

tal-Madonna tas-Sokkors fil-knisja, dak iż-żmien viċi-parrokkjali, ta' Kerċem.

Imma qabel inkomplu l-istorja ta' kif bdiet il-festa tal-Madonna tas-Sokkors, fil-knisja li sa dak iż-żmien kienet għadha uffiċjalment iddedikata lil San Girgor waħdu, nixtieq ngħidu xi ħaġa dwar din l-antifona. *Sancta Maria Succurre Miseris* huma biss l-ewwel kelmiet ta' din l-antifona tant sabiħa. L-antifona sħiħa bil-lingwa Latina hija din : *Sancta Maria, succurre miseris, iuva pusillanimes, refove flebilies, ora pro populo, interveni pro clero, intercede pro devoto femmineo sexu : sentiant omnes tuum iuvamen, quiumque celebrant tuam sanctam commemorationem. Amen.*

Bil-Malti tgħid hekk: **"Imqaddsa Marija, kun int is-sokkors tad-dgħajfin, il-qawwa tal-beżgħana, il-faraġ tal-imnikkta, itlob għall-poplu, idħol għall-kleru, interċedi għan-nisa devoti (għan-nisa kkonsagrati): jalla dawk kollha li jiċċelebraw din it-tifkira jħossu l-għajnuna tiegħek. Ammen".**

Min kien li kiteb din l-antifona daqshekk ħelwa? Kien hemm żmien meta x'uħud kienu jattribwixxu din l-antifona lil Sant Wistin; imma llum sar magħruf li din hi xogħol l-Isqof Fulbert ta' Chartres li għex bejn is-snin 951u l-1029. Ħafna kittieba jgħidu li Fulbert twieled fi Franza, għalkemm hemm min jgħid ukoll li twieled fl-Italja ta' fuq. Sar Isqof ta' Chartres fis-sena 1006 u baqa' jservi f'dik id-djoċesi sakemm miet fl-10 ta' April 1028 jew 1029.

Issa li nafu l-kelmiet ta' din l-ewwel antifona għall-festa tal-Madonna tas-Sokkors; issa li nafu xi ħaga żgħira dwar min kiteb din l-antifona tant sabiħa, wieħed jistaqsi : kif bdiet titkanta fil-knisja ta' Kerċem fil-festa tal-Madonna tas-Sokkors?

L-istorja tibda 162 sena ilu. Il-fatt ta' titular doppju kellu effett sinjifikanti, li għalkemm aktarx ma kienx premeditat, ta svolta ġdida lid-devozzjoni popolari tal-Kerċmin u tal-Għawdxin, li sa dakinhar kienu trawwmu sew fil-qima lejn San Girgor il-Kbir. In-nies li kienu jgħixu fl-inħawi ta' Kerċem , sa minn żminijiet bikrija ħabbew lill-Verġni Marija Omm Alla u tawha qima f'diversi kappelli ddedikati liha li kien hemm, u ghad hemm imxerrda fil-kampanja tal-madwar. Għal ħafna sekli, u sal-ġurnata tal-lum, għadd ta' Kerċmin kuljum għadhom iżuru u jqimu lill-Madonna fil-kappella medjevali tal-Lunzjata.

Iżda huwa evidenti li mal-wasla tal-kwadru titulari tal-knisja l-ġdida ta' San Girgor kien hemm qawmien ġdid f'dik li hija devozzjoni Marjana fost il-poplu tagħna. Dan nistgħu nippruvawh b'zewġ fatti li ġraw fi ftit xhur mill-wasla tal-kwadru titulari ta' Busuttil li tqiegħed f'postu nhar it-22 ta' Diċembru, 1854.

F'gazzetta Maltija (*L'Ordine – Giornale Politico-Religioso tat-23 ta' Marzu, 1855)* li kienet toħroġ f'dik l-epoka naqraw li l-benefattriċi Roża Camilleri – Roża flimkien ma' żewġha Franġisk kienu l-benefatturi ewlenin tal-knisja l-ġdida ta' San Girgor –, meta qorbot il-festa ta' San Girgor tas-sena 1855, l-ewwel waħda li ġiet wara li tqiegħed f'postu l-kwadru titulari, uriet ix-xewqa li dritt wara l-antifona ta' San Girgor f'jum il-festa tiegħu, tindaqq antifona oħra lill-Madonna.

Permezz tal-Kanonku Dun Franġisk Mercieca, Roża Camilleri ikkummissjunat lil Paolo Fiamingo (l-istess kompożitur li kiteb ukoll il-mużika għall-antifona *Beatus Georgius* għall-festa ta' San Ġorġ), biex jikkomponi l-mużika għall-antifona *Sancta Maria Succurre Miseris*. Fiamingo aċċetta t-talba li saritlu, u fi ftit żmien ikkompona l-muzika għal din l-antifona. Dan tant għaraf jadatta l-mużika għas-sentiment reliġjuż b'gost modern għal

dawk iż-żminijiet, li veramanet kienet tħeġġeġ għad-devozzjoni. Iżda ġrat xi ħaġa li ma ħallietx il-ħsieb qaddis tal-benefattriċi Camilleri u tal-Kanonku Mercieca jseħħ kif xtaqu huma. Ċertament kienu diżappuntati! X'kien ġara?...

Wara li kien sar dan ix-xogħol kollu, il-Kapitlu tal-Matriċi ħasibha mod ieħor u ta "ordni l-aktar sever" lill-mużiċisti biex ma jdoqquhiex. Il-Kapitlu deherlu li din kienet tmur kontra r-rubriki. Iżda wara kollox, l-istess ġurnal li semmejna iktar 'il fuq allega li dan ma kienx veru, u li kienu biss "sebgħa jew tmienja" l-kanonċi li ltaqgħu bejniethom meta ħadu din id-deċiżjoni. Huwa interessanti l-fatt li fl-Atti Kapitulari tal-Kapitlu tal-Matriċi ma hemm xejn dwar dan il-każ. Dan jagħtik x'taħseb li din ma kenitx laqgħa formali tal-Kapitlu. Forsi xi ħadd jistaqsi : Għalfejn kellhom jindaħlu l-kanonċi tal-Matriċi f'din l-affari? Hawn wieħed ma jridx jinsa li sa dakinhar li seħħet din il-ġrajja, il-knisja ta' San Girgor kienet għadha taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Arċipriet tar-Rabat – dak iż-żmien il-Kanonku Dun Mikiel Franġisk Buttiġieġ, il-futur l-ewwel Isqof t'Għawdex – li wara kollox, għalkemm membru tal-Kapitlu tal-Matriċi ma jidhirx li kien wieħed mill-kanonċi li ħadu dik id-deċiżjoni li bla dubju nikktet mhux biss lill-benefattriċi Roża Camilleri, imma wkoll lil kotra ta' Kerċmin li naturalment saru jafu x'kien ġara.

Iżda l-istorja ma waqfitx hawn. Minkejja din il-burraxka li, kif għedna, għamlet ċertu ħoss saħansitra fl-istampa lokali, id-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sokkors li kienet issaħħet sew fost missirijietna mal-wasla tal-kwadru titulari, ma naqsitx. Ikolli ngħid żdiedet. Minn xrara saret ħuġġieġa. Aktarx li fir-reazzjoni tagħhom għad-deċiżjoni li kienu ħadu dawk is-sebgħa jew tminn kanonċi tal-Matriċi, nibet f'moħħhom ħsieb ieħor. Bdew jaħsbu biex ma' dik ta' San Girgor jibdew jiċċelebraw festa oħra, festa lill-Madonna tas-Sokkors. U rnexxielhom! L-Arċipriet tal-Kolleġġjata tal-Knisja Matriċi, il-Kanonku Buttiġieġ, li sa dak iż-żmien kellu l-ġurisdizzjoni fuq it-territorju ta' Kerċem, jidher li kien fuq in-naħa tal-Kerċmin. Huwa stess għamel rikors lill-Papa Piju IX fejn ressaq it-talba tagħhom biex tibda tkun iċċelebrata festa f'ġieħ il-Madonna tas-Sokkors fil-knisja ta' Kerċem...U l-grazzja nqalgħet! B'digriet tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, tal-5 ta' Mejju 1855, il-Kardinal Gabriele Ferretti kkonċeda dak li talab l-Arċipriet Buttiġieġ, u ġiet iffissta l-ġurnata tar-raba' Ħadd ta' Ottubru biex tkun iċċelebrata l-festa tal-Madonna tas-Sokkors fil-Knisja Viċi-Parrokkjali Ta' Kerċem.

Il-Kerċmin, issa mhux biss setgħu jisimgħu il-mużika melodjuża u l-kliem ħelu tal-antifona *Sancta Maria Succurre Miseris,* imma setgħu jiċċelebraw ukoll festa lill-Madonna tas-Sokkors fir-raba Ħadd ta' Ottubru. Hekk, f'dan il-jum, missirijietna baqgħu jiċċelebraw din il-festa għażiża għal tletin sena sħaħ bejn l-1855 u l-1885, sakemm b'digriet ieħor ta' Ruma li jġib il-firma tal-Kardinal Domenico Bartolini bid-data tas-17 ta' Awwissu 1885, għall-festa tal-Madonna tas-Sokkors, ġiet iffissata l-ġurnata tat-tieni Ħadd ta' Lulju. Hekk, mis-sena 1886 sal-lum, fit-tieni Ħadd ta' Lulju baqgħet issir il-festa tal-Madonna tas-Sokkors – festa li mal-medda tas-snin saret l-ikbar ċelebrazzjoni soċjo-reliġjuża annwali li ssir fir-raħal ċkejken ta' Kerċem. Li kieku dawk is-seba' jew tminn kanonċi tal-Matriċi ma opponewx l-idea li tindaqq is-*Sancta Maria Succurre Miseris* fit-12 ta' Marzu 1855, forsi qatt ma kienet issir il-festa tal-Madonna tas-Sokkors f'Ta' Kerċem. Veru kas ta' kif jgħid il-Malti : 'Kull deni ħudu b'ġid' !!!